MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 106/2008

**Cutajar Limited (C 4975)**

**-vs-**

**Ronald Zammit**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha s-socjetà attrici talbet li l-konvenut ihallas is-somma ta’ mija u sitta u ghoxrin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€126.74) – (Lm54.41c) rapprezentanti ghall-ammont bilancjali dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut. Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra nterpellatorja tat-12 ta’ Gunju, 2006 u tal-15 ta’ Novembru, 2006 u bl-imghax legali mis-7 t’Ottubru 2004 (data tal-ahhar konsenja) sal-effettiv pagament, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Sema’ x-xhieda ta’ Mario Cutajar.

Ra li fis-seduta tal-lum Dr Joseph Ellis ghall-konvenut ipprezenta nota t’ ammissjoni.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Illi mill-provi prodotti u anke a bazi ta’ nota tal-ammissjoni fuq imsemmija t-talba attrici hija debitament provata u tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjetà attrici u jikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjetà attrici s-somma ta’ mija u sitta u ghoxrin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€126.74) – (Lm54.41c) bl-imghax mis-7 t’Ottubru, 2004 u bl-ispejjez tal-kawza.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------